Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,608, 28 ta' April, 1998
Taqsima B

A.L. 108 ta' l-1998

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Regolamenti ta' l-1998 tal-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Accountancy (Honours) - B.Accty (Hons)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ippromulga dawn ir-Regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titolu u Interpretazzjoni

1. (1) Dawn ir-Regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1998 tal-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Accountancy (Honours) - B.Accty.(Hons).

(2) F'dawn ir-Regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"il-Bord" ifisser il-Bord tal-Fakulta' ta' l-Ekonomija, Management u Accountancy;

"il-Grad" ifisser il-Grad ta' Bachelor of Accountancy (Honours) - B.Accty.(Hons);

"il-Kors" ifisser il-Kors ta' Studji li jwassal għall-Grad ta' Bachelor of Accountancy (Honours) - B.Accty.(Hons).

Applikabilita'

2. Dawn ir-Regolamenti għandhom japplikaw għal korsijiet li jibdew fl-1996 jew wara.

Eliġibilita' għall-Grad

3. Kandidat għandu biex ikun eligibbli għall-Grad:

(a) jirreġistra bħala student regolari għall-Kors skond ir-Regolamenti 4 u 5 taħt;

(b) itemm il-Kors, jikkwalifika fl-eżamijiet u jissodisfa kull rekwiżit ieħor preskritt f'dawn ir-Regolamenti; u

(ċ) jissodisfa kull rekwiżit ieħor preskritt fi Statuti u f'Regolamenti rilevanti oħra ta' l-Universita'.

Ir-Reġistrazzjoni

4. Kandidat għandu jirreġistra fuq il-formola preskritta fiż-żmien speċifikat mill-Uffiċju tar-Reġistratur.

Rekwiżiti għall-Kors

5. Kandidat jista' jidħol fil-Kors jekk:

(a) jissodisfa r-rekwiżiti kollha li jwasslu għall-grad ta' Bachelor of Commerce (B.Com.) u tqiegħed fil-Kategorija IIB jew aħjar; u għadda mill-erba' karti fl-Accountancy b'minimu wieħed ta' Grad B u tliet Gradi C. (Grad B ieħor jew Grad A wieħed għandu jikkompensa għal mhux aktar minn Grad D wieħed).

Jew

(b) jissodisfa r-rekwiżiti kollha li jwasslu għall-grad ta' Bachelor of Science (Business and Computing) u tqiegħed fil-Kategorija IIB jew aħjar, u għadda mill-erba' karti fil-Business b'minimu wieħed ta' Grad B u tliet Gradi C (Grad B ieħor jew Grad A wieħed għandu jikkumpensa għal mhux iktar minn Grad D wieħed); iżda kandidati aċċettati taħt din il-klawsola jinħtieġ li jgħaddu mill-Eżami Intermedju li jikkonsisti mill-erba' karti ta' l-Eżami Finali fil-qasam ta' speċaliżazzjoni fl-Accountancy tal-grad B.Com., u jiksbu l-minimu ta' Grad B wieħed u tliet Gradi C qabel ma jitħalla għall-Eżami Finali (Grad B ieħor jew Grad A għandu jikkompensa għal mhux aktar minn Grad D).

L-Istruttura tal-Kors

6. (1) Il-Kors għandu normalment jestendi fuq perjodu ta' sentejn

(2) Student ma jistax joqogħod għall-Eżami Finali aktar tard minn sentejn mill-ewwel reġistrazzjoni għall-Kors ħlief bil-permess tas-Senat mogħti f'ċirkustanzi speċjali.

(3) Il-Kors għandu jikkonsisti f'numru ta' taqsimiet studju. Jingħataw kredti lil studenti li jtemmu b'suċċess it-taqsimiet studju.

(4) Katalgu tat-taqsimiet studju, bil-kredti assenjati lil kull waħda minnhom, għandu jkun ippubblikat fil-bidu ta' kull sena akkademika wara l-approvazzjoni tal-Bord.

(5) Kandidat jinħtieġ jikseb mhux anqas minn 34 kredtu biex itemm il-Kors. Il-kredti għandhom jintgħażlu minn lista ta' taqsimiet studju speċifikati fil-livell bl-Unuri fl-Accountancy.

Proġett Individwali

7. Studenti jinħtieġu jiktbu dissertazzjoni/rapport ta' proġett dwar suġġett approvat mill-Bord li għandu jkun sottomess għall-eżami qabel tmiem il-Kors.

L-Eżami Finali

8. (1) Fit-tmiem tal-Kors u wara li jikseb in-numru ta' kredti stipulati mir-Regolament 6(5) fuq, student jinħtieġ joqgħod għall-Eżami Finali; iżda studenti aċċettati taħt ir-Regolament 5(b) jinħtieġu jgħaddu wkoll l-Eżami Intermedju kif preskritt fir-Regolament qabel ma jitħallew joqogħdu għall-Eżami Finali.

(2) L-Eżami Finali għandu jikkonsisti f'seba' karti u f'dissertazzjoni/proġett. Jista' jsir ukoll eżami viva voce.

(3) Id-dissertazzjoni u l-eżamijiet huma ggradati fl-ordni ta' mertu mill-għoli sa l-inqas: A, B, C, D, u F, fejn F tindika Weħel.

(4) Għandu jikun hemm żewġ sessjonijiet ta' eżamijiet: sessjoni li ssir normalment f'Ġunju u Sessjoni Supplimentari li ssir normalment f'Settembru.

L-Eżami Supplimentari u Tmiem il-Korsijiet

9. (1) Studenti li jeħlu f'mhux iktar minn tliet karti ta' l-Eżami Finali jistgħu jitħallew joqogħdu għal Eżami Supplimentari fis-sessjoni ta' wara fil-karti li jkunu weħlu.

(2) Studenti ma jitħallewx jirrepetu l-Eżamijiet Finali ħlief fil-każ fejn student jeħel f'karta waħda biss ta' l-Eżami. Student li jeħel f'karta waħda biss ta' l-Eżami Supplimentari jinħtieġ jirrepeti l-Eżami Finali kollu fis-sena ta' wara.

(3) Għall-finijiet ta' din is-Sessjoni t-terminu 'karta' tinkludi dissertazzjoni/proġett.

L-Iggradar Finali

10. (1) L-iggradar finali ta' student għall-Grad għandu jqis il-livell milħuq mill-istudent fl-Eżami Finali, li għandu jammonta għal 70% tal-piż finali, iċ-ċertifikati ta' kredti u gradi oħra miksuba matul il-Kors li għandhom igħoddu għat-30% l-oħra.

(2) L-ismijiet ta' l-istudenti li jikkwalifikaw għall-għotja tal-Grad għandhom ikunu ppubblikati f'ordni alfabetiku f'lista maqsuma fil-kategoriji li ġejjin:

L-Ewwel Klassi
It-Tieni Klassi Livell Superjuri
It-Tieni Klassi Livell Inferjuri
It-Tielet Klassi.